KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 62

**It-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 62.1 Qari tal-Apoloġiji

62.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittra ta' apoloġija.

### 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 61

62.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 61 ma laħqux intbagħtu u għaldaqstant se jiġu approvati waqt il-laqgħa li jmiss.

### 62.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Is-Sindku informa li kien hemm problema bil-fondi tal-iskart minħabba li l-Wasteserv mhux tħallas. Kien hemm qbil li għalissa għandhom jagħmlu tajjeb ir-Reġjuni. Is-Sindku informa li kien se jgħaddi din l-informazzjoni waqt il-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

### 62.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

62.4.1 Is-SE infurmat li x-xogħol kompla u issa twaħħal il-ħġieġ fuq barra u saru t-trinek għas-servizzi. Fadal li ssir il-bankina fuq wara u mbagħad il-livellar bil-konkos. Is-SE infurmat li kienet għamlet talba lil IM biex issir il-parti l-oħra wkoll minn IM iżda s'issa kienet għadha qed tistenna risposta lura.

62.4.2 Is-SE infurmat li kien hemm żewġ varjazzjonijiet fil-corten – Wara spjega, kien hemm qbil mill-Kunsill kollu li minħabba li parti mix-xogħol fuq il-corten, magħruf aħjar bħala s-C *profile*, kien sar mill-kuntrattur mingħajr ma ġie approvat u mingħajr il-*go ahead* tal-Project Leader jew tal-Perit tal-Kunsill u għaldaqstant m'għandhomx jitħallsu tiegħu.

62.4.3 Wara diskussjoni dwar l-andament tax-xogħlijiet, il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE sabiex tibda tapplika d-*defaults* jekk is-sitwazzjoni tkun għadha l-istess mill-31 ta' Ottubru.

62.4.4 Is-SE infurmat li l-kuntrattur kien qed jirrakkomanda li jagħmel skirting mad-dawra tal-VC u li kien se jiswa madwar €1500. Il-Kunsill qabel li ladarba dan ma kienx parti mill-proġett u min-nefqa oriġinali, m'għandux jaċċetta l-offerta tal-kuntrattur u minflok iġib kwotazzjonijiet apparti wara li jispiċċa l-proġett.

62.4.5 Is-SE infurmat li s-sottokumitat kien qabel li għall-inawgurazzjoni mmexxu ma' Tikka Banda bħala *entertainment*.

62.4.6 Kienu saru l-arranġamenti meħtieġa ma' Tokki biex dakinhar jieħu ħsieb l-ikel waqt il-bibita. Mill-ammont li se jħallas il-Kunsill, kienet se tiġi offruta ikla lil kull helper minn tal-iscouts kif ukoll vawċer biex itellgħuh bħala lotterija. Il-Kunsill approva dan kollu.

62.4.7 Is-SE infurmat li kienet ħadet ħsieb li jsir poster biex jittella' fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill bħala stedina għar-residenti u kienet se tintbagħat ukoll ittra lir-residenti tal-madwar, anke ħabba l-parkeġġ għal dik il-lejla.

62.4.8 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-esibizzjoni, kien hemm madwar 10 persuni li bagħtu r-ritratti tagħhom. Kienu ntagħżlu l-aħjar 10 u se nżidu xi ritratti oħra minħabba li hemm allokazzjoni ta' 20 ritratt.

62.4.9 Is-SE infurmat li kien għaddej ix-xogħol fuq il-filmat li se jintwera fil-Visitors Centre.

62.4.10 Infurmat ukoll li għamlet talba għal numru tal-VAT biex 'il quddiem inkunu nistgħu nagħmlu qligħ mill-VC. Infurmat ukoll li għandha tkellem lill-avukat għal *byelaw*.

62.4.11 Is-SE infurmat li kienet ġiet preparata ittra mill-avukat lil wieħed mill-kuntratturi li ħadem fuq il-proġett tal-arloġġ minħabba li għalkemm kellu bil-miktub fuq il-kuntratt li għandu jrodd lura l-5% tal-*management fee*, dan għadu jrid iħallas €7542.88 lura lill-Kunsill, għalkemm min-naħa tagħha bagħtet tavżah u tfakkru kemm-il darba.

62.4.12 Is-SE infurmat li r-Reġjun Tramuntana kien qed jagħti €5,000 għal xi attività li jorganizza l-Kunsill Lokali u għaldaqstant għamlet talba lill-Kunsill li dawn il-flus jintużaw bħala parti min-nefqa għall-attività tal-inawgurazzjoni. Il-Kunsill approva.

62.4.13 Hawnhekk il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Mifsud skużaw ruħhom mil-laqgħa.

## 62.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal kull kwart (Lulju – Settembru 2023)

62.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju permezz tal-*email*. L-accountant tal-Kunsill, li kienet onlajn, tat spjega ħafifa fejn infurmat li l-Kunsill spiċċa l-kwart b'surplus ta' €30,000 u indikatur finanzjarju ta' 21%.

62.5.2 L-Accountant infurmat ukoll li waqt laqgħa bejnha u s-SE kien hemm qbil li għandhom jitneħħew il-kotba kollha minn fuq l-inventarju minħabba li l-bejgħ tagħhom ma kienx fuq bażi regolari, u minħabba f'hekk kien qed ikun hemm Management point sena wara sena. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

62.5.3 L-Accountant infurmat ukoll li fil-bidu ta' dan il-kwart, id-DLG kienu qatgħu flus mill-allokazzjoni tal-Kunsill (madwar €14,000) minħabba l-kuntratt tal-ġbir ta' skart. Għaldaqstant avżat li għalissa, m'għandux isir ħlas lir-Reġjun għall-ġbir tal-iskart. Hija infurmat li l-Kunsill għandu jieħu lura madwar €8,900 mingħand il-Wasteserv sal-aħħar ta' Diċembru 2022, filwaqt li l-Kunsill għandu kont pendenti ta' €11,000 xi jħallas.

## 62.6 Skema tal-LC Care

62.6.1 Is-SE infurmat li kif kienet għarrfithom permezz tal-*email*, mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali kienu qed jitolbu rifużjoni ta' €1,000.24. Min-naħa tagħhna ma kinitx qed taqbel mal-argumenti li ġabu għaliex il-Kunsill mexa kif suppost. Hija tat spjega ta' kollox u l-Kunsill qabel li m'għandhiex issir ir-rifużjoni mitluba iżda li s-SE għandha tikkontesta din l-ittra.

## 62.7 Skemi tar-Reġjun Tramuntana

62.7.1 Is-SE infurmat li s-SE tar-Reġjun kien infurmaha permezz ta' email li din is-sena se jkun hemm €10,000 f'allokazzjoni għal tiżjin u/jew attivitajiet. Hija infurmat li wara konsultazzjoni mal-Kunsill u wara li nġabu l-kwotazzjonijet kienet mexxiet b'żewġ ordnijiet separati għal dawl tal-Milied madwar il-lokalità għal total ta' €7643.60. Fadal €2356. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn il-flus jistgħu jintużaw għal għanijiet u għajnuniet diversi relatati mal-Milied.

62.7.2 Is-SE infurmat li kien hemm ukoll skema ta' €3000 għal xi VO biex torganizza attività. Kien hemm qbil li s-SE għandha tavviċina liż-żewġ gruppi tal-iscouts u tara jekk jerġgħux jorganizzaw is-suq tal-Milied, bil-flus jinqasmu bejniethom.

62.7.3 Is-SE infurmat li kif issemma' aktar qabel, ir-Reġjun kien qed joffri wkoll €5,000 biex tiġi organizzata xi attività u għaldaqstant il-Kunsill kien se juża dan il-fond bħala parti mill-ispiża tal-inawgurazzjoni.

## 62.8 Punti Oħra

62.8.1 Is-SE infurmat li s-servizz tal-kuntratt tal-ġardinar kien għaddej ġmielu iżda kellha problema biex tiġi ppubblikata l-offerta. Issuġġeriet li kemm-il darba din il-problema tibqa' fit-tul, il-Kunsill japprova li tikteb lid-DG biex jagħti permess biex dan is-servizz jibqa' jingħata għal perjodu temporanju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

62.8.2 Is-SE staqsiet lis-Sindku jekk kellux xi risposta mingħand Clean Malta fir-rigward tat-tindif tat-toroq. Min-naħa tiegħu informa li ma kellux aktar informazzjoni għalissa.

62.8.3 Is-SE infurmat li kienet saret l-attività tal-ġbir taż-żebbuġ fejn b'kollox inġabru 231 kg. Hija rringrazzjat lill-Kunsilliera li kienu attendew.

62.8.4 Is-SE infurmat li kemm it-Travel insurance kif ukoll l-insurance tal-Kunsill kienu waslu biex jiskadu. Il-Kunsill approva li jiġu mġedda. Is-SE infurmat li kienet se tkellem lill-Periti tal-Kunsill biex ituha valur għat-torri tal-arloġġ u l-VC sabiex tagħmel assikurazzjoni fuqhom ukoll.

62.8.5 Is-SE infurmat li li sid ir-restaurant Tokki kien għamel rikjesta biex jara hux possibbli li l-Kunsill jiġbor l-iskart tiegħu u ta' Mtarfa FC u huma jħallsu direttament lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan mhux possibbli u ssuġġerixxa li kemm-il darba għandu problema bil-kollettur preżenti, għandu jkellem direttament lill-kuntrattur Chris Galea.

62.8.6 Is-SE infurmat li kellhom ilment frekwenti minħabba li ġnejna fi Triq il-Pepprin kienet verament mitluqa. Hija infurmat li jidhrilha li dwar din il-ġnejna kien hemm ftehim xi darba ilu bejn il-Kunsill u sid id-dar ta' biswitha. Il-Kunsillier Fenech informa li kien minnu li sar ftehim. Kien hemm qbil li dan ir-resident għandu jiġi infurmat li jekk mhux se jibda jieħu ħsiebha hekk kif kien hemm fuq il-ftehim, il-Kunsill kien se jerġa' jieħu din il-ġnejna f'idejh.

62.8.7 Is-SE infurmat li kif kulħadd jaf, kienet inżammet l-attività tal-Imdina Grand Prix u dawn reġgħu ma żammewx kelmthom skont kif kien il-ftehim mal-Kunsill. Kien hemm qbil li li l-maġġorparti tar-residenti tal-Imtarfa kienu tassew urtati u li ħlief tgergir mir-residenti ma

kienx hemm. Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard qal li l-Kunsill għandu jevalwa aħjar qabel jerġa' jaċċetta għaliex sfortunatament matul is-snin, l-organizzaturi ta' din l-attività qatt ma kienu konsistenti.

## 62.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

62.09.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 09/2023), kopja tagħha mehmuża.

62.09.2 Min-naħa l-oħra, fuq rakkomandazzjoni tal-accountant, kien hemm qbil li l-ammont pagabbli lill-Wasteserv m'għandux jitħallas.

Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Dr Attard issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 62.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

62.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta' Novembru 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 21 ta' Novembru 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv